KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fit-8 ta' Mejju 2019[1]

Kawża C-168/18

Pensions-Sicherungs-Verein VVaG
vs
Günther Bauer

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min jimpjegahom – Direttiva 2008/94/KE – Artikolu 8 – Skemi komplementari ta' previdenza – Protezzjoni tad-drittijiet għal benefiċċji tax-xjuħija – Kamp ta' applikazzjoni – Tpaċija għal tnaqqis preċedenti tal-irtirar minn min kien jimpjega qabel – Livell minimu ta' protezzjoni ggarantita – Effett dirett kontra organu ta' previdenza professjonali komplementari"

1. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU 2008, L 283, p. 36) jitlob li organu ta' garanzija kontra r-riskju ta' insolvenza, responsabbli għal pensjonijiet okkupazzjonali, ikun responsabbli li jagħmel ħlasijiet li min kien jimpjega, issa f'insolvenza, kellu l-obbligu li jħallas lil ex impjegat tiegħu biex ikun konformi ma' obbligu legali? Filwaqt li din hija d-domanda ewlenija li tqum fil-kuntest ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari magħmul mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja), dan ir-rinviju jirrikjedi wkoll li l-Qorti tal-Ġustizzja għal darba oħra tagħti deċiżjoni dwar il-portata u l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

2. Dan l-obbligu joriġina mid-dritt nazzjonali fejn dawk li jimpjegaw huma meħtieġa jpaċu kull tnaqqis fil-benefiċċji tal-irtirar imħallsa minn fond ta' pensjoni meta dawk il-benefiċċji jkunu tħallsu abbażi ta' kontribuzzjonijiet magħmula minn min kien jimpjega.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

I. Il-kuntest ġuridiku

Id- dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva 80/987

3. Id-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE tal-20 ta' Ottubru 1980 dwar it-taqrib tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-impjegati f'każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 217) tipprovdi fl-Artikolu 8:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġu mħarsa l-interessi ta' l-impjegati u tal-persuni li jkunu ġa telqu mill-impriża jew negozju ta' min iħaddem fid-data tal-bidu tal-insolvenza f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet li jintitolawhom immedjatament jew fil-ġejjieni għall-benefiċċji tax-xjuħija, inklużi benefiċċji lil min jibqa' ħaj, skond skemi supplementari tal-kumpanija jew skemi ta' pensjoni tal-kumpanija li ma jaqawx taħt l-iskemi nazzjonali ta' sigurtà soċjali statutorji."

4. Id-Direttiva 80/987 kienet tħassret bid-Direttiva 2008/94 li daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Novembru 2008.

2. Id-Direttiva 2008/94

5. Il-premessi 3, 6, 7 u 9 tad-Direttiva 2008/94 jistipulaw:

"(3) Jeħtieġ li jsir provvediment għall-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom u biex jiġi żgurat livell minimu ta' protezzjoni, speċjalment biex jiġu garantiti pretensjonijiet mhux imħallsa b'kont meħud tal-ħtieġa ta' żvilupp, ekonomiku u soċjali, bilanċjat fil-Komunità. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu korp li jiggarantixxi l-ħlas tal-pretensjonijiet pendenti ta' l-impjegati kkonċernati.

[…]

(6) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-impjegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' impriżi li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom f'għadd ta' Stati Membri, u sabiex jissaħħu d-drittijiet tal-impjegati skond il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom isiru dispożizzjonijiet li espressament jiddikjaraw liema istituzzjoni tkun responsabbli għall-ħlas tal-pretensjonijiet f'dawn il-każijiet u li jistabbilixxu bħala l-għan tal-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti ta' l-Istati Membri r-riżoluzzjoni bikrija tal-pretensjonijiet pendenti ta' l-impjegati. […]

(7) L-Istati Membri jistgħu jiffissaw limitazzjonijiet tar-responsabbiltà ta' l-istituzzjonijiet ta' garanzija. Dawk il-limitazzjonijiet għandhom ikunu kompatibbli ma' l-għan soċjali tad-Direttiva u jistgħu jieħdu kont tal-livelli differenti tal-pretensjonijiet.

[…]

(9) […] Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet."

6. L-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għall-pretensjonijiet ta' l-impjegati li jirriżultaw mill-kuntratti ta' impjieg jew minn relazzjonijiet ta' impjieg u dawk eżistenti kontra dawk li jħaddmu meta jkunu fi stat ta' insolvenza fis-sens ta' l-Artikolu 2(1)."

7. Skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2008/94:

"Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali fir-rigward tad-definizzjoni tat-termini "impjegat", "min iħaddem", "paga", "dritt li jagħti titolu immedjat" u "dritt li jagħti titolu prospettiv".

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu ma jeskludux mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva:

(a) lill-impjegati part-time fis-sens tad-Direttiva 97/81/KE;

(b) lill-impjegati fuq kuntratt ta' żmien fiss fis-sens tad-Direttiva 1999/70/KE;

(ċ) lill-impjegati f'relazzjoni ta' impjieg temporanju fis-sens ta' l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 91/383/KEE".

8. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94 jgħid dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni ta' l-interessi ta' l-impjegati u ta' persuni li jkunu diġà' telqu mill-impriża jew negozju ta' min iħaddem fid-data tal-bidu tal-insolvenza tiegħu fir-rigward tad-drittijiet li jintitolawhom immedjatament jew prospettivament għal benefiċċji tax-xjuħija, inklużi benefiċċji lil min jibqa' ħaj, taħt skemi pensjonistiċi supplimentari okkupazzjonali jew inter-okkupazzjonali li ma jkunux parti mill-iskemi statutorji nazzjonali ta' sigurtà soċjali."

9. L-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/94 jipprovdi:

"Din id-Direttiva ma taffettwax l-għażla ta' l-Istati Membri li japplikaw jew jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi aktar favorevoli għall-impjegati."

B. Id-dritt Ġermaniż

10. L-Artikolu 1 tal-Gesetz zur Verbesserung der betrieblichen Altersversorgung (Betriebsrentengesetz) (il-Liġi Dwar it-Titjib ta' Pensjonijiet Okkupazzjonali, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Pensjonijiet"), bit-titolu "Garanzija Mogħtija Minn Min Jimpjega ta' Pensjoni Okkupazzjonali Relatata max-Xjuħija", jipprovdi (kif l-aħħar emendat bil-Liġi tas-17 ta' Awwissu 2017), kif ġej:

"Jekk ħaddiem impjegat jingħata minn min jimpjegah benefiċċji relatati max-xjuħija […] abbażi tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu (irtirar professjonali), għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi. Il-benefiċċji ta' rtirar okkupazzjonali jistgħu jiġu implimentati direttament minn min jimpjega jew permezz ta' wieħed mill-organi li jipprovdu assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 1b(2) sa (4). Min jimpjega għandu jibqa' responsabbli biex jiżgura l-eżekuzzjoni tal-benefiċċji li huwa jkun ta anki jekk ma jiżgurax is-servizz direttt tagħhom."

11. L-Artikolu 1b tal-Liġi dwar l-Irtirar jelenka fost oħrajn il-possibbiltajiet miftuħa lil min jimpjega fil-qasam ta' pensjoni okkupazzjonali tax-xjuħija. Essenzjalment dan jgħid li min jimpjega jobbliga ruħu li jħallas assigurazzjoni għall-ħajja tal-ħaddiem impjegat (paragrafu 2) jew li l-benefiċċji ta' pensjoni okkupazzjonali jistgħu jitħallsu minn Pensionskasse (fond tal-rtirar) — bħal f'dan il-każ — jew minn Pensionsfonds (fondi tal-pensjoni) (paragrafu 3), jew l-hekk imsejjaħ Unterstützungskasse (fond ta' previdenza) (paragrafu 4).

12. L-Artikolu 7(1) tal-Liġi dwar l-Irtirar, bit-titolu "Livell ta' kopertura ta' assigurazzjoni", jistipula:

"Il-benefiċjarji ta' benefiċċju […] li l-benefiċċji tagħhom jirriżultaw minn garanzija ta' pensjoni diretta mingħand min jimpjega ma jkunux tħallsu minħabba li jkunu nbdew proċeduri ta' insolvenza dwar il-patrimonju jew is-suċċessjoni tiegħu […] ikunu jistgħu jagħmlu talba kontra l-organu ta' garanzija kontra r-riskju ta' insolvenza, fl-ammont tal-benefiċċju li min jimpjega kien ikollu jipprovdi kieku ma jkunux inbdew proċeduri ta' insolvenza. […]"

13. L-Artikolu 10(1) tal-Liġi dwar l-Irtirar, bit-titolu "Obbligu ta' kontribuzzjonijiet u kalkolu tal-kontribuzzjonijiet", jipprovdi:

"Ir-riżorsi neċessarji għall-implimentazzjoni tal-garanzija kontra r-riskju ta' insolvenza għandhom ikunu pprovduti abbażi ta' obbligu skont id-dritt pubbliku, permezz ta' kontribuzzjonijiet imħallsa mingħand dawk kollha li jimpjegaw li direttament ikunu taw benefiċċji ta' rtirar professjonali mħallsa kemm direttament kif ukoll permezz ta' assigurazzjoni diretta (Direktversicherung) (assigurazzjoni għall-ħajja konkluża minn min jimpjega favur il-ħaddiem impjegat) […] jew skont l-iskema ta' fond ta' previdenza jew ta' fondi tal-pensjoni".

14. L-Artikolu 14 tal-Liġi dwar l-Irtirar, bit-titolu "Organu ta' garanzija kontra r-riskju ta' insolvenza" jispeċifika li l-organu ta' garanzija kontra r-riskju ta' insolvenza huwa l-Pensions-Sicherungs-Verein Versicherungsverein auf Gegenseitigkeit.

15. Skont il-Ftehim tat-22 ta' Settembru 2000 bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu b'rabta mal-kooperazzjoni fil-qasam tal-assigurazzjoni tal-irtirar professjonali fil-każ ta' insolvenza, dan l-organu huwa wkoll l-organu ta' garanzija kontra r-riskju ta' insolvenza għall-benefiċċji ta' pensjoni okkupazzjonali tax-xjuħija mogħtija mill-kumpanniji stabbiliti fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

II. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16. F'Diċembru 2000 ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, G. Bauer, ingħata diversi benefiċċji ta' pensjoni okkupazzjonali mingħand min kien jimpjegah qabel, jiġifieri:

– pensjoni, imħallsa minn organu ta' previdenza professjonali komplementari (iktar 'il quddiem il-"PKDW"), abbażi ta' kontribuzzjonijiet imħallsa minn min kien jimpjegah qabel;

– suppliment ta' pensjoni kull xahar imħallas direttament minn min kien jimpjegah qabel;

– bonus tal-Milied ta' kull sena, imħallas ukoll minn min kien jimpjegah qabel[2].

2 Minbarra dan, ir-rikorrenti kiseb, permezz tal-kontribuzzjonijiet tiegħu stess, żieda fl-ammont tal-pensjoni tiegħu. Dan l-ammont addizzjonali ma kienx affettwat minn din it-talba għal deċiżjoni preliminari. Minbarra dan, il-qorti tar-rinviju ma speċifikatx l-ammont tal-pensjoni tal-Istat li r-rikorrent kien jibbenefika minnha.

17. F'nofs is-sena 2003, il-PKDW għadda minn diffikultajiet finanzjarji u ġie awtorizzat mill-awtoritajiet nazzjonali biex inaqqas l-ammont tal-pensjonijiet imħallsa. Għalhekk kien applikat gradwalment kull sena tnaqqis ta' 1.25 % sa 1.4 %. B'kollox, bejn is-sena 2003 u s-sena 2013, l-ammont ta' pensjoni supplimentari li G. Bauer irċieva kien tnaqqas bi 13.8 %, li kien jirrappreżenta telf ta' EUR 82.74 fix-xahar. Skont il-gvern Ġermaniż, meta mqabbel mat-total tal-pensjoni okkupazzjonali, il-perċentwali ta' tnaqqis tal-benefiċċji kien biss ta' 7.4 % [3].

18. Skont il-liġi Ġermaniża hemm obbligu ta' tpaċija għal kull nuqqas. Min kien qabel jimpjega lil G. Bauer kien obbligat ipaċi dan it-tnaqqis fil-benefiċċji tal-pensjoni.

19. Fit-30 ta' Jannar 2012, infetħu proċeduri ta' insolvenza fir-rigward tal-attivi ta' min kien qabel jimpjega lil G. Bauer.

20. Permezz ta' avviż tat-12 ta' Settembru 2012, il-konvenuta (PSV) (iktar 'il quddiem il-"PSV") għarrfet lir-rikorrenti li kienet qiegħda terfa' r-responsabbiltà għall-ħlas ta' suppliment tal-pensjoni ta' kull xahar, kif ukoll tal-bonus tal-Milied ta' kull sena. Madankollu, il-PSV irrifjutat li tieħu responsabbiltà għall-ammont imħallas mingħand min kien jimpjega lil G. Bauer biex tpaċi għat-tnaqqis tal-benefiċċji tal-pensjoni.

21. G. Bauer jikkontesta dan ir-rifjut minħabba li l-PSV għandha l-obbligu li tpaċi kull tnaqqis li jirriżulta mill-insolvenza ta' min kien jimpjegah qabel. Il-PSV wieġbet li, skont il-liġi nazzjonali, hija ma għandhiex obbligu li tiggarantixxi kwalunkwe ħlas magħmul minn min kien jimpjega bħala kumpens imħallas fir-rigward ta' tnaqqis li kien sar qabel fil-benefiċċji tal-pensjoni.

22. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi lil ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"(1) L-Artikolu 8 tad-Direttiva [2008/94] huwa applikabbli jekk jingħataw benefiċċji tal-pensjoni okkupazzjonali permezz ta' skema interokkupazzjonali ta' previdenza, li hija suġġetta għal sorveljanza Statali tas-servizzi finanzjarji u, minħabba raġunijiet finanzjarji din l-iskema b'mod leġittimu tnaqqas il-benefiċċji tagħha bil-kunsens tal-awtorità ta' sorveljanza, u skont id-dritt nazzjonali, il-persuna li timpjega għandha tassumi responsabbiltà fil-konfront tal-ex impjegati tagħha għat-tnaqqis tal-benefiċċji, iżda li madankollu l-insolvenza tagħha tipprekludiha milli tissodisfa l-obbligu tagħha li tpaċi t-tnaqqis tal-benefiċċji?

(2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda:

(2) Taħt liema ċirkustanzi t-telf subit minn ex impjegat minħabba l-insolvenza tal-persuna li timpjega fir-rigward tal-benefiċċji tal-iskema tal-pensjoni okkupazzjonali jista' jitqies bħala manifestament sproporzjonat u għalhekk iwassal għall-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw protezzjoni minima f'dan ir-rigward, minkejja li l-ex impjegat jirċievi minn tal-inqas nofs il-benefiċċji li jirriżultaw mid-drittijiet miksuba tiegħu għal pensjoni?

(3) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda:

L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94/KE għandu effett dirett u, meta Stat Membru jkun naqas milli jittrasponi jew sempliċement ittraspona b'mod insuffiċjenti din id-direttiva, din id-dispożizzjoni tagħti drittijiet li l-individwi jistgħu jinvokaw kontra dan l-Istat Membru quddiem qorti nazzjonali?

3 Mis-sena 2013, tnaqqis ta' 1.25 % jkompli japplika kull sena.

(4) Fil-każ ta' risposta affermattiva għat-tielet domanda:

Entità rregolata mid-dritt pubbliku li l-Istat Membru stabbilixxa – b'mod vinkolanti għall-persuna li timpjega – bħala instituzzjoni għal protezzjoni minn insolvenza tal-iskemi tal-pensjoni okkupazzjonali, li hija suġġetta għal sorveljanza Statali tas-servizzi finanzjarji u tiġbor il-kontribuzzjonijiet meħtieġa għal protezzjoni minn insolvenza mingħand persuni li jimpjegaw skont id-dritt pubbliku, u li tista' tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal eżekuzzjoni permezz ta' att amministrattiv, hija awtorita pubblika tal-Istat Membru?"

III. Analiżi

A. Fuq l-ewwel domanda

23. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94 għandux ikun interpretat bħala li japplika għat-telf ta' allowance bħal dik fil-kawża prinċipali minħabba l-insolvenza ta' min kien jimpjega qabel. F'dan il-każ partikolari, l-allowance kienet qiegħda titħallas minn dan tal-aħħar biex tpaċi, kif titlob il-liġi nazzjonali, it-tnaqqis preċedenti ta' pensjoni okkupazzjonali mogħtija minnu permezz ta' organu interprofessjonali ta' previdenza, suġġett għal sorveljanza Statali li, għal raġunijiet finanzjarji kellu, bil-kunsens tal-awtorità ta' sorveljanza, inaqqas l-ammont imħallas.

24. Minħabba li d-domanda magħmula tirrigwarda direttament l-applikazzjoni tal-Artikolu 8, huwa għaldaqstant xieraq li nibda din l-analiżi billi neżamina x'inhuma fil-fatt il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

25. Skont dan l-Artikolu "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni ta' l-interessi ta' l-impjegati u ta' persuni li jkunu diġà telqu mill-impriża jew negozju ta' min iħaddem fid-data tal-bidu tal-insolvenza tiegħu fir-rigward tad-drittijiet li jintitolawhom immedjatament jew prospettivament għal benefiċċji tax-xjuħija […] taħt skemi pensjonistiċi supplimentari okkupazzjonali jew inter-okkupazzjonali li ma jkunux parti mill-iskemi statutorji nazzjonali ta' sigurtà soċjali." Għalhekk, għandhom ikunu ssodisfatti erba' kundizzjonijiet biex ikun japplika l-Artikolu 8, jiġifieri:

– l-applikant għandu jkun impjegat jew persuna li tkun diġà telqet mill-impriża jew min-negozju ta' min kien jimpjega fid-data li fiha tkun bdiet l-insolvenza ta' min jimpjega;

– min jimpjega għandu jkun fi stat ta' insolvenza;

– tali insolvenza għandha taffettwa drittijiet li jagħtu titolu immedjat jew prospettiv għal benefiċċji tax-xjuħija;

– il-benefiċċji tax-xjuħija inkwistjoni għandhom ikunu ngħataw skont skema ta' previdenza professjonali jew interprofessjonali li ma tkunx parti mill-iskemi statutorji nazzjonali ta' sigurtà soċjali.

26. L-*ewwel kundizzjoni* hija b'mod ċar issodisfatta u ma hijiex ikkontestata.

27. *It-tieni kundizzjoni*[4] timplika li min jimpjega jkun fi stat ta' insolvenza. Għaldaqstant, l-Artikolu 8 ma japplikax, fil-prinċipju, għas-sitwazzjoni li fiha jkun biss l-organu ta' previdenza professjonali li jkun qiegħed iħabbat wiċċu ma' diffikultajiet finanzjarji[5]. Dan huwa konsistenti mal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/94, li jitlob li, biex id-direttiva tkun tapplika, li t-talba titressaq minn impjegat kontra min jimpjegah jew min ikun impjegah qabel. Tassew, id-Direttiva 2008/94 ma hijiex maħsuba biex tiggarantixxi, fiċ-ċirkustanzi kollha, id-drittijiet ta' impjegati jew ta' dawk li qabel kienu impjegati, li jagħtuhom titolu immedjat jew prospettiv għal benefiċċji tax-xjuħija, iżda, skont il-premessa 3 tagħha, sabiex jingħataw protezzjoni fil-każ biss tal-insolvenza ta' min jimpjegahom. F'każ ta' diffikultajiet tal-organu ta' previdenza professjonali, ikun biss, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk min jimpjega intrabat li jiggarantixxi l-ħlas tal-benefiċċji stabbiliti fi pjan ta' pensjoni u jkun huwa stess fi stat ta' insolvenza, li jkun jista' japplika l-Artikolu 8[6].

28. *Dwar it-tielet kundizzjoni*, li tirreferi għat-termini "drittijiet li jagħtu titolu immedjat" u "drittijiet li jagħtu titolu prospettiv", għandu jiġi nnotat li, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2008/94, din id-direttiva hija bla ħsara għal-liġijiet nazzjonali fir-rigward tad-definizzjoni ta' dawn it-termini. Madankollu, il-frażi "mingħajr preġudizzju" tista' toħloq ċerta ambigwità, peress li tista' tinftiehem bħala li tfisser li *jew* li ż-żewġ kunċetti ta' "drittijiet li jagħtu titolu immedjat" u "drittijiet li jagħtu titolu prospettiv" għandhom jiġu interpretati b'riferiment għal-liġi nazzjonali *jew* li d-Direttiva 2008/94 ma għandhiex l-għan li timmodifika d-definizzjoni ta' dawn il-kunċetti mogħtija mil-leġislazzjoni nazzjonali f'xi qasam ieħor tal-liġi.

29. It-tieni sentenza tal-Artikolu 2(2) tagħmilha ċara, madankollu, kif l-ewwel sentenza għandha tinftiehem. Tabilħaqq, filwaqt li l-ewwel sentenza ssemmi, fost il-kunċetti li għalihom id-Direttiva 2008/48 hija bla ħsara, it-terminu "impjegat", it-tieni sentenza tal-Artikolu 2(2) tistipula li l-Istati Membri ma jistgħux jeskludu ċerti tipi ta' impjegati mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. Minħabba li t-tieni sentenza għandha l-għan li tillimita l-awtonomija tal-Istati Membri fid-definizzjoni ta' wieħed mit-termini msemmija fl-ewwel sentenza, din għandha tinftiehem bħala li tagħti setgħa lill-Istati Membri jiddefinixxu t-termini inkwistjoni. Għaldaqstant, il-kunċetti ta' "drittijiet li jagħtu titolu immedjat" u "drittijiet li jagħtu titolu prospettiv" u, għalhekk, b'estensjoni l-applikazzjoni tat-tielet kundizzjoni jibbażaw fuq il-liġi nazzjonali.

30. Dwar *ir-raba' kundizzjoni*, jien nemmen ukoll li d-definizzjoni tal-kliem "benefiċċji lil min jibqa' ħaj, taħt skemi pensjonistiċi supplimentari okkupazzjonali jew inter-okkupazzjonali li ma jkunux parti mill-iskemi statutorji nazzjonali ta' sigurtà soċjali" tiddependi wkoll mil-liġi nazzjonali[7]. Dan jirriżulta sempliċement mir-riferiment li sar għall-kunċett ta' "skemi statutorji nazzjonali ta' sigurtà soċjali" li ma jistgħux ikunu evalwati mod ieħor ħlief b'riferiment għad-dritt nazzjonali[8].

4 Il-kunċett ta' insolvenza jinsab fl-Artikolu 2(1) tad-direttiva.

5 L-Artikolu 9(1)(e) tad-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali (ĠU 2003, L 235, p. 10) jipprovdi li: "Kull Stat Membru għandu, fir-rigward ta' kull istituzzjoni li tinsab fit-territorju tiegħu, jassigura li […] *fejn l-impriża li tisponsorja tiggarantixxi l-ħlas tal-benefiċċji ta' l-irtirar*, hija kommessa għall-iffinanzjar regolari" (korsiv miżjud minni). *A contrario*, dan ifisser li l-liġi tal-Unjoni ma titlobx li l-Istati Membri jiżguraw li min iħaddem jiggarantixxi tali ħlas.

6 Ara s-sentenza tal-25 ta' April 2013, Hogan *et* (C-398/11, EU:C:2013:272, punti 35 sa 40). Fil-kawżi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja diġà tat deċiżjoni, dan jirriżulta kemm mid-deskrizzjoni tal-fatti magħmula mill-qorti tar-rinviju li min jimpjega jimpenja ruħu li jiggarantixi l-ħlas jew il-Qorti tal-Ġustizzja ssegwi l-premessa li dan kien il-każ.

7 Ara, b'analoġija, rigward il-kunċett ta' kumpens użat fl-Artikolu 3(1), is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2018, Checa Honrado (C-57/17, EU:C:2018:512, punt 30).

8 Meta adottat id-Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE tal-14 ta' Frar 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar iż-żamma tad-drittijiet tal-ħaddiema f'każ ta' trasferimenti ta' impriżi, ta' stabbilimenti jew ta' partijiet minn stabbilimenti, li tifforma parti mill-istess pakkett leġiżlattiv bħad-Direttiva 80/987, il-Kummissjoni abbandunat it-tentattiv tagħha li tilleġiżla għat-trasferiment ta' drittijiet supplementari tal-pensjoni b'mod armonizzat. Ir-raġuni ddikjarata għal dan kienet għaliex "ir-rekwiżiti, il-forom u n-natura tal-obbligi [tal-pensjoni] huma tant differenti u l-modi kif inhuma organizzati huma tant varjati li ma huwiex possibbli li jiġu stabbiliti regoli Komunitarji speċifiċi fid-Direttiva". Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Webb-Säman (C-454/15, EU:C:2016:653, punt 62).

31. Dawn l-erba' kundizzjonijiet għandhom jiġu ssodisfatti, minbarra dawk stabbiliti fl-Artikolu 1 relatati mal-applikazzjoni b'mod ġenerali tad-Direttiva 2008/94, li dwarha l-Qorti tal-Ġustizzja ma sarulhiex domandi. Għalhekk, il-fatt li l-impjegat għamel talba li tirriżulta minn kuntratt ta' impjieg, kif mitlub mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/94, ma huwiex biżżejjed, minnu nnifsu biex jiġġustifika l-applikazzjoni tal-Artikolu 8.

32. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 8 japplikax jew le għat-telf, dovut minħabba l-insolvenza ta' min kien jimpjegah qabel, ta' allowance bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Inċidentalment, l-allowance kienet tħallset minn min kien jimpjega qabel, kif mitlub mid-dritt nazzjonali, tnaqqis f'pensjoni okkupazzjonali mogħtija l-ewwel minn dan li kien jimpjega permezz tal-intermedju ta' organu interprofessjonali ta' previdenza, suġġett għal sorveljanza Statali ta' servizzi finanzjarji, li l-ammont tagħha kien, għal raġunijiet finanzjarji, tnaqqas, bil-kunsens tal-awtorità ta' sorveljanza.

33. Minħabba t-tielet u r-raba' kundizzjoni msemmija iktar 'il fuq, biex jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 8 japplikax, ikun l-ewwel meħtieġ jiġi ddeterminat l-istatus tad-drittijiet li kellha l-persuna li għamlet it-talba meta seħħet l-insolvenza ta' min kien jimpjegaha qabel.

34. F'dan il-każ, il-partikolarità tas-sitwazzjoni hija li d-drittijiet li kien hemm kienu diġà suġġetti għal tnaqqis preċedenti. Għalhekk, l-istatus legali ta' dawn id-drittijiet fiż-żmien tal-insolvenza tal-persuna li kienet timpjega preċedentement jiddependi mill-konsegwenzi prodotti minn din l-operazzjoni, li min-naħa tagħha tiddependi minn jekk din l-operazzjoni kinitx diġà koperta mill-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94 (jew, qabel dan, mill-Artikolu 8 tad-Direttiva 80/987), Tabilħaqq, jekk l-Artikolu 8 ma kienx japplika dak iż-żmien, il-konsegwenza li dak it-tnaqqis ġab miegħu tkun tiddependi mid-dritt nazzjonali, sabiex ma jistax jiġi eskluż li parti minn dawn id-drittijiet kienet intilfet u li l-ammonti mħallsa biex ipaċu dan it-tnaqqis ma sarux taħt "skema komplementari ta' previdenza professjonali jew interprofessjonali".

35. Hawnhekk, id-diffikultà hija li l-qorti tar-rinviju ma speċifikatx ir-raġuni li għaliha l-organu ta' previdenza professjonali ltaqa' ma' diffikultajiet finanzjarji sa mis-sena 2003. Madankollu, jidher mill-informazzjoni li waslet mingħand il-qorti tar-rinviju, li kienet ikkonfermata mill-partijiet fis-seduta, li skont il-Paragrafu 1 tal-Liġi dwar il-Pensjonijiet, dawk li jimpjegaw ikunu responsabbli għat-twettiq ta' benefiċċji ta' pensjoni okkupazzjonali mogħtija minnhom fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieg, anki jekk dawn il-ħlasijiet isiru bl-intermedju ta' organu ta' previdenza professjonali. Għaldaqstant, min jimpjega għandu jiggarantixxi l-ħlas inkwistjoni anki fil-każ li l-fond ta' pensjoni ma jħallasx il-benefiċċji mogħtija jew jekk huwa jħallashom biss parzjalment.

36. F'kull każ, il-partijiet kollha qablu fis-seduta li t-tnaqqis ma kienx biddel in-natura jew l-għadd tad-drittijiet ta' G. Bauer. Tabilħaqq, jidher li, abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-qorti tar-rinviju, li, skont id-dritt Ġermaniż, meta min jimpjega jistabbilixxi skema ta' previdenza, huwa jew hija madankollu jibqgħu responsabbli biex jiżguraw li sussegwentement jingħataw il-benefiċċji.

37. Billi, għalhekk, hija l-insolvenza ta' min kien jimpjega qabel lir-rikorrent fl-2012 li kellha l-effett li ntlaqtu d-drittijiet li jagħtu titolu immedjat jew prospettiv għall-benefiċċji tax-xjuħija u li ma huwiex ikkontestat li dawn id-drittijiet kienu ngħataw skont skema ta' previdenza professjonali jew interprofessjonali li ma kinitx tagħmel parti mill-iskemi statutorji nazzjonali ta' sigurtà soċjali, nipproponi li l-ewwel domanda tiġi risposta bħala li l-Artikolu 8 għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri t-telf ta' ħlas, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, magħmul minn min kien jimpjega qabel biex ipaċi, kif mitlub mid-dritt nazzjonali, tnaqqis fil-pensjoni okkupazzjonali. Filwaqt li ċ-ċirkustanzi preċiżi ta' dan il-każ huma ċertament mhux tas-soltu, jibqa' l-fatt li n-nuqqas ta' dak li kien jimpjega qabel li jagħmel il-ħlas supplimentari għal tnaqqis fil-pensjoni mod ieħor impost fuq l-impjegat xorta waħda jaqa' perfettament taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 8.

Fuq it-tieni domanda

38. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti nazzjonali tistaqsi dwar f'liema ċirkustanzi, imsemmija fil-punt 35 tas-sentenza tal-24 ta' Novembru 2016, Webb-Sämann (C-454/15, EU:C:2016:891), it-telf imġarrab mill-impjegat minħabba l-fatt tal-insolvenza ta' min kien jimpjegah qabel jista' jitqies bħala b'mod ċar sproporzjonat, meqjus l-obbligu ta' protezzjoni tal-interessi tal-impjegati msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94, anki jekk dak it-telf ma kienx jammonta għal iktar minn nofs il-benefiċċji tax-xjuħija li jirriżultaw mid-drittijiet akkumulati ta' pensjoni li għalihom huwa kien ħallas kontribuzzjonijiet skont skema komplementari ta' previdenza professjonali.

39. Din id-domanda titlob eżami sħiħ mill-ġdid tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sal-lum sa fejn għandu x'jaqsam l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94.

40. Kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja, il-livell ta' protezzjoni mitlub mid-Direttiva 2008/94 għandu jiġi stabbilit skont il-kliem użat fid-dispożizzjoni kkonċernata u, jekk ikun meħtieġ, fid-dawl tal-għanijiet ta' din id-direttiva [9].

41. Skont il-formulazzjoni tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jitħarsu l-interessi ta' impjegati u ta' persuni li jkunu diġà telqu mill-impriża jew min-negozju ta' min jimpjega fid-data meta tkun bdiet l-insolvenza tal-persuna li timpjega fir-rigward ta' drittijiet li jagħtuhom titolu immedjat jew prospettiv għal benefiċċji tax-xjuħija skont skemi komplementari ta' previdenza professjonali jew interprofessjonali eżistenti li ma jkunux jagħmlu parti mill-iskemi nazzjonali statutorji ta' sigurtà soċjali.

42. Fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Robins *et* (C-278/05, EU:C:2006:476, punti 70 u 82), l-Avukat Ġenerali Kokott qieset li l-Artikolu 8 jitlob il-protezzjoni sħiħa tal-interessi tal-ħaddiema, minkejja li tali protezzjoni ma kinitx neċessarjament tfisser li skemi ta' pensjoni għandhom ikunu dejjem iffinanzjati b'mod komprensiv. Madankollu hija sostniet li l-Artikolu 8 kien jitlob li, fir-rigward ta' każijiet li fihom finanzjament insuffiċjenti f'każ ta' insolvenza ta' min jimpjega kien iwassal għal konsegwenzi dannużi għall-interessi ta' impjegati, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li jitħarsu d-drittijiet għall-pensjoni ta' impjegati.

43. Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Jannar 2007, Robins *et* (C-278/05, EU:C:2007:56, punti 36 u 45), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-formulazzjoni tal-Artikolu 8 tħalli lill-Istati Membri marġni wiesa' ta' diskrezzjoni meta jiġu biex jiddeterminaw kemm il-mezzi użati għall-finijiet ta' dik il-protezzjoni kif ukoll il-livell ta' protezzjoni li tingħata. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li dan l-aħħar obbligu ma kienx jinkludi obbligu li dawn il-ħlasijiet ta' pensjoni jkunu ggarantiti b'mod sħiħ.

44. Din id-dikjarazzjoni hija pjuttost sorprendenti. Filwaqt li jista' jiġi faċilment aċċettat li l-Artikolu 8 iħalli diskrezzjoni kunsiderevoli lill-Istati Membri dwar il-*mezzi* użati biex tkun żgurata dik il-protezzjoni, din id-dispożizzjoni hija, madankollu, tassew ċara dwar il-*livell ta' protezzjoni* li għandu jingħata. F'kull każ, il-konsegwenza normali, minħabba l-fatt li Stat Membru jkun ingħata diskrezzjoni wiesgħa b'direttiva partikolari, tkun li huwa jkun jista' jeħles mir-responsabbiltà billi juri li huwa jkun ħa l-miżuri kollha xierqa li setgħu jkunu raġonevolment mistennija biex jissodisfa dak l-obbligu partikolari [10]. Iżda jkolli nistqarr li ma naf xejn dwar xi okkażjonijiet oħra fejn l-eżistenza ta' marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiġi deċiż kif għandu jintlaħaq ċertu għan wasslet għar-rikonoxximent li dan l-għan għandu jintlaħaq biss parzjalment jew fejn Stat Membru seta' jitqies li jkun wettaq l-obbligu tiegħu sabiex jintlaħaq dak l-għan b'riferiment għal xi metodu vag ta' nofs kedda sempliċement minħabba l-firxa tad-diskrezzjoni hekk mogħtija bil-miżura leġislattiva rilevanti.

9 Sentenza tal-25 ta' Jannar 2007, Robins *et* (C-278/05, EU:C:2007:56, punt 41).

10 Ara, dwar dan, is-sentenza tas-27 ta' Marzu 2014, UPC Telekabel Wien (C–314/12, EU:C:2014:192, punti 52 u 53).

45. Ngħaddi issa għas-sentenza tal-25 ta' Jannar 2007, Robins *et* (C-278/05, EU:C:2007:56), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja pproċediet biex tiddikjara li "dispożizzjonijiet tad-dritt intern suġġetti li jwasslu, f'ċerti sitwazzjonijiet, għal garanzija tal-benefiċċji limitati għal 20 jew 49 % tad-drittijiet li seta' jistenna impjegat, jiġifieri għal inqas min-nofs ta' dawn id-drittijiet, ma setgħux ikunu kkunsidrati bħala li jirrispondu għad-definizzjoni tal-frażi 'mħarsa' użata fl-Artikolu 8 tad-direttiva". Is-sitwazzjoni inkwistjoni f'dawk il-proċeduri kienet waħda minn dawn il-każijiet speċifiċi, minħabba li, l-ewwel nett, "madwar 65 000 affiljat fi skemi ta' rtirar sofrew telf ta' aktar minn 20% meta mqabbel mal-benefiċċji mistennija" u, it-tieni nett, "madwar 35 000 minnhom, jiġifieri kważi 54% minnhom, sofrew telf li jaqbeż 50 % ta' l-imsemmija benefiċċji".

46. Għalhekk, jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, irrispettivament mill-perċentwali tiegħu, tnaqqis fil-benefiċċji li għalihom ikun intitolat impjegat partikolari *ma kienx fih innifsu suffiċjenti* biex iwassal għar-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat: il-persuna kkonċernata għandha tmur lil hinn minn dan u turi li, b'mod ġenerali, l-Istat Membru ma jkunx jiżgura protezzjoni suffiċjenti għall-impjegati. Dan l-approċċ, li huwa konsistenti mal-kunċett ta' obbligu ta' mezzi, kien ukoll rifless fil-kunsiderazzjonijiet esposti mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-effett dirett ta' din id-dispożizzjoni li dwarha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li meta tkun ġiet stabbilita r-responsabbiltà ta' Stat Membru, dan iwassal għal preżunzjoni ta' prova li Stat "injora, b'mod ċar u serju" il-limiti stabbiliti għad-diskrezzjoni tiegħu.

47. Madankollu, għandu jiġi rrikonoxxut li l-effett tas-sentenza tal-25 ta' Jannar 2007, Robins *et* (C-278/05, EU:C:2007:56), huwa li biex talba tirnexxi abbażi tal-Artikolu 8, impjegati ma jkunx jeħtiġilhom biss juru li l-Istat ikkonċernat ikun "injora, b'mod ċar u serju" sabiex jiksbu kumpens finanzjarju f'każ ta' ksur ta' tali obbligi tal-Istat, iżda wkoll li f'kull każ l-Istati Membri ma jkunux mistennija jiggarantixxu b'mod sħiħ id-drittijiet ta' impjegati. Għal raġunijiet li ser insemmi dalwaqt, ma nistax ma naħsibx li l-limitu ta' 50 % pjuttost ostakola l-iskop tal-protezzjoni mogħtija lill-impjegati permezz tal-Artikolu 8. Min-naħa tiegħi jidhirli li fil-kawża Robins *et* (C-278/05, EU:C:2006:476) l-Avukat Ġenerali Kokott kienet korretta fl-interpretazzjoni tagħha dwar l-iskop tal-Artikolu 8.

48. Jiena naqbel ma' dan għar-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel nett, il-lingwaġġ tal-Artikolu 8 ("[…] għandhom jiżguraw […]") b'mod ċar jimponi obbligu fuq l-Istati Membri. It-tieni nett, huwa ċar li dan l-obbligu jestendi għal "protezzjoni ta' l-interessi ta' l-impjegati […] fir-rigward tad-drittijiet li jintitolawhom immedjatament jew prospettivament għal benefiċċji tax-xjuħija […]." It-tielet nett, l-Artikolu 8 stess ma jipprovdi ebda limitu massimu jew perċentwali sa fejn jirrigwarda l-limitu kkonċernat tal-obbligu tal-Istat.

49. Għaldaqstant, insibha bi tqila nifhem kif l-obbligu skont l-Artikolu 8 għandu fil-prinċipju jikkonċerna xi ħaġa inqas minn sodisfazzjon sħiħ ta' ħarsien tal-interessi tal-impjegat għal drittijiet għall-pensjoni. Kif l-Avukat Ġenerali Kokott osservat fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Robins, huwa "preċiżament mhux fl-interess ta' impjegat li jirċievi biss ħlas ta' frazzjoni ta' dak li huwa jkun intitolat għalih f'pensjoni miftehma b'mod kuntrattwali."

50. Jekk – kif ċertament huwa l-każ – dak huwa preċiżament l-interess tal-impjegat li l-Istat Membru huwa obbligat jipproteġi skont l-Artikolu 8, allura ma hemm xejn maġiku fil-figura ta' 50 % li l-Qorti tal-Ġustizzja artikolat fil-kawża Robins bħala l-figura minima li impjegat għandu jirċievi bħala benefiċċji tax-xjuħija li jirriżultaw mill-insolvenza tal-persuna li timpjega. Jekk – kif evidentement jagħmel – l-Artikolu 8 jimponi obbligu min-naħa tal-Istati Membri li jiżguraw li dawn l-interessi tal-impjegati jkunu protetti, kien imissni ħsibt li dan l-obbligu jestendi għall-benefiċċji tax-xjuħija kollha inkwistjoni u mhux biss għal parti minnhom. Wieħed għandu jiftakar li f'ħafna każijiet tnaqqis ta' madwar 50 % ta' benefiċċji tal-pensjoni tax-xjuħija x'aktarx jirrappreżenta tbatija finanzjarja reali enormi għal persuni li jirċievu dawn il-pensjonijiet.

51. Jekk il-leġiżlatura tal-Unjoni kienet xtaqet tnaqqas sa fejn l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jipproteġu pensjonanti mill-impatt ta' insolvenza ta' min jimpjega fir-rigward tad-drittijiet għall-pensjoni tagħhom b'dan il-mod potenzjalment estensiv, allura nqis li kien ikun użat kliem ċar ħafna f'dan is-sens. Dan huwa partikolarment minnu minħabba l-importanza soċjali ċara ta' dan l-obbligu partikolari.

52. Għaldaqstant, jekk il-leġiżlatura tal-Unjoni kienet qieset li dan l-obbligu kien sempliċement daqs kemm kien iddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-erba' kawżi, bl-ewwel waħda l-kawża Robins *et* (C-278/05), l-Artikolu 8 preżumibbilment kien ikun ġie abbozzat b'mod differenti sabiex jispeċifika li l-obbligu min-naħa tal-Istati Membri kien jestendi sempliċement sabiex jiġi żgurat li jkunu protetti 50 % (jew xi perċentwali oħra) ta' dawn il-benefiċċji.

53. Hawnhekk jista' jiġi nnotat li l-Artikolu 4(2) u (3) tad-Direttiva espressament jipprovdi lill-Istati Membri jistgħu jillimitaw in-numru ta' xhur li fir-rigward tagħhom jistgħu jsiru talbiet għal salarji mhux imħallsa fir-rigward tal-fond ta' insolvenza. Tabilħaqq, l-Artikolu 4(3) jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu limiti massimi rigward "il-ħlasijiet magħmula mill-istituzzjoni ta' garanzija", għalkemm tali limiti massimi ma jistgħux ikunu inqas minn livell "li jkun soċjalment kompatibbli ma' l-għan soċjali ta' din id-Direttiva."

54. In-nuqqas ta' restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet simili fl-Artikolu 8 dwar kemm kienu jwasslu l-obbligi tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tad-drittijiet ta' impjegati għal benefiċċji tax-xjuħija minħabba l-insolvenza ta' min jimpjega huwa ċertament sinjifikattiv. Kif l-Avukat Ġenerali Kokott osservat fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Robins, il-fatt stess li restrizzjonijiet espliċiti dwar l-iskop tal-obbligu impost fuq l-Istati Membri sabiex jipproteġu impjegati f'każ ta' insolvenza jinsabu f'partijiet oħra fid-Direttiva sempliċement iservi sabiex isaħħaħ mill-ġdid dan l-argument dwar in-natura u l-limiti tal-obbligu li jinsab fl-Artikolu 8.

55. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, għalhekk, inqis li l-Artikolu 8 jimponi obbligu fuq l-Istati Membri li jipproteġu l-benefiċċji *kollha* tax-xjuħija milquta minn insolvenza ta' min jimpjega u mhux biss parti jew perċentwali indikata ta' dawn il-benefiċċji. F'dan ir-rigward naqbel kompletament mar-raġunament tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Robins *et* (C-278/05, EU:C:2006:476). Isegwi, imbagħad, li jiena tal-fehma li l-motivazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Jannar 2007, Robins *et* (C-278/05, EU:C:2007:56), dwar il-kwistjoni tal-Artikolu 8 ma tistax tkun sostnuta u ma għandhiex tkun segwita mill-Qorti tal-Ġustizzja.

56. Xejn minn dan ma jimplika, madankollu, li l-Istati Membri ma għandhomx diskrezzjoni biex jiddeterminaw il-mezzi użati għall-fini ta' dik il-protezzjoni. Tabilħaqq, kif jirriżulta mill-formulazzjoni tal-Artikolu 8, l-obbligu impost fuq l-Istati Membri ma huwiex li huma nnifishom jiggarantixxu l-ħlas ta' pensjonijiet, iżda pjuttost li "għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri meħtieġa" għal dan il-għan. F'dan il-kuntest, naqbel mal-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Jannar 2007, Robins *et* (C-278/05, EU:C:2007:56), jiġifieri li individwu ma jistax sempliċement jallega li jkun ġarrab tnaqqis fil-pensjoni tiegħu u mbagħad jitlob li l-Istat Membru kkonċernat ipaċi dan it-tnaqqis. Minflok, huwa meħtieġ li min jagħmel it-talba jagħmel iktar minn hekk u juri li dak l-Istat Membru ma kienx adotta l-miżuri li raġonevolment setgħu tqiesu li kienu suffiċjenti biex jitħarsu dawn l-interessi.

57. Kif nittama li dalwaqt nuri, konsegwenza waħda tal-interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8 li jiena bir-rispett kollu nqis li l-Qorti tal-Ġustizzja adottat fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Jannar 2007, Robins *et* (C-278/05, EU:C:2007:56), hija li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha sussegwentement titħabat sabiex tiġġustifika din is-soluzzjoni minħabba l-formulazzjoni attwali tal-Artikolu 8 innifsu.

58. Hemm eżempju tajjeb ta' dan bis-sentenza Hogan *et*[11]. Hawnhekk il-Qorti tal-Ġustizzja effettivament abbandunat il-kundizzjoni relatata mal-eżistenza ta' ċirkustanzi speċjali. Hija, minflok, iddeċidiet li t-traspożizzjoni korretta tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94 titlob li impjegat jirċievi, fil-każ ta' insolvenza ta' min jimpjegah, mill-inqas nofs il-benefiċċji tax-xjuħija li jirriżultaw mid-drittijiet ta' pensjoni akkumulati li għalihom huwa jkun ħallas kontribuzzjonijiet skont skema komplementari ta' previdenza professjonali[12].

59. Fis-sentenza sussegwenti tagħha tal-24 ta' Novembru 2016, Webb-Säman (C-454/15, EU:C:2016:891, punt 35), il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid li l-obbligu tal-Istati Membri li jipproteġu impjegati kontra kull telf ta' nofs jew iktar tal-benefiċċji tax-xjuħija tagħhom ma kienx jipprekludi li "f'ċirkustanzi oħra, it-telf subit ikun jista' jitqies, anki fil-każ li l-perċentwali tagħhom ikun differenti, bħala manifestament sproporzjonat fid-dawl tal-obbligu ta' protezzjoni tal-interessi tal-impjegati, imsemmi fl-Artikolu 8 [tad-Direttiva 2008/94]."

60. Fis-sentenza l-iktar reċenti mogħtija sal-lum dwar din it-tema, jiġifieri s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2018, Hampshire (C-17/17, EU:C:2018:674), il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet li ċertu telf subit, anki jekk inqas minn nofs il-benefiċċji mistennija, seta' anki jitqies bħala manifestament sproporzjonat fid-dawl tal-obbligu ta' protezzjoni tal-interessi ta' impjegati, imsemmi f'dik id-dispożizzjoni[13].

61. Inċidentalment fir-rigward tal-figura ta' 50 %, il-Qorti tal-Ġustizzja ma pprovdiet ebda ġustifikazzjoni jew gwida dwar liema tnaqqis fil-benefiċċji seta' xorta oħra jikkostitwixxi ndħil manifestament sproporzjonat fir-rigward tad-drittijiet tal-impjegati inkwistjoni.

62. Jista', madankollu, jiġi nnotat li fis-sentenzi Webb-Säman[14] u Hampshire[15], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan l-obbligu tal-Istati Membri li jiggarantixxu mill-inqas nofs il-benefiċċji tax-xjuħija li jirriżultaw mid-drittijiet ta' pensjoni akkumulati, li għalihom impjegat ikun ħallas kontribuzzjonijiet fil-kuntest ta' skema komplementari ta' previdenza professjonali, huwa *garanzija minima individwali* għal kull wieħed mill-impjegati. Jidher, għalhekk, li f'dawn iż-żewġ sentenzi l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-applikazzjoni tar-regola ta' 50 % ma tinkludix b'mod eżawrjenti l-effetti kollha ta' din id-dispożizzjoni. Fi kliem ieħor, l-Istati Membri għalhekk ikollhom l-obbligu jiżguraw li kull impjegat ikun iggarantit mill-inqas 50 % tal-benefiċċji li huwa jkun intitolat għalihom skont skema komplementari ta' previdenza professjonali fil-każ ta' insolvenza ta' min ikun jimpjegah[16], iżda dan l-obbligu ma jeżentahomx milli jieħdu l-miżuri meħtieġa (finanzjarji, viġilanti jew oħrajn) sabiex jipproteġu b'mod sħiħ l-interessi tal-impjegati. Jekk it-tnaqqis ikun inqas minn 50 %, l-impjegati kkonċernati jkunu għalhekk jistgħu jiksbu kumpens jekk juru li l-Istat ikun naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu ta' mezzi billi jkun naqas milli jiżgura li jkunu ttieħdu l-miżuri meħtieġa (finanzjarji, viġilanti jew oħrajn) sabiex jitħarsu l-interessi ta' impjegati. B'hekk, b'repetizzjoni tal-formulazzjoni użata fis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2007, Robins *et* (C-278/05, EU:C:2007:56), anki jekk it-telf imġarrab ma jkunx laħaq tali limitu, impjegat ikun jista', madankollu jitlob li jiġi kkumpensat b'mod sħiħ mill-Istat Membru kkonċernat f'każ li jkun "injora, b'mod ċar u serju," il-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tiegħu biex jadotta miżuri xierqa.

11 Sentenza tal-25 ta' April 2013 (C– 398/11, EU:C:2013:272, punt 43).

12 Madankollu, meta ddeċidiet hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tbiegħdet mill-kunċett ta' obbligu ta' mezzi.

13 Punt 50 ta' din is-sentenza.

14 Sentenza tal-24 ta' Novembru 2016 (C-454/15, EU:C:2016:891).

15 Sentenza tas-6 ta' Settembru 2018 (C-17/17, EU:C:2018:674).

16 Kif il-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi, l-Istati Membri għandhom obbligu ta' riżultat biss "[f]'dan ir-rigward", jiġifieri li jiġi żgurat livell minimu ta' protezzjoni. Ara s-sentenza tal-24 ta' November 2016, Webb-Säman (C-454/15, EU:C:2016:891, punt 35).

63. Dawn id-deċiżjonijiet reċenti jistgħu, għalhekk, jinftiehmu bħala sforz taċitu mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex titbiegħed mill-ġurisprudenza Robins u, minflok, tmur fid-direzzjoni ta' dak li nqis li huwa l-għan bażiku tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94, jiġifieri dak li jkunu protetti d-drittijiet għall-pensjoni okkupazzjonali *kollha* ta' persuni rtirati mir-riskju ta' telf miġjub mill-insolvenza ta' min jimpjega.

64. F'dan il-kuntest, l-eżistenza ta' telf sproporzjonat jista' jitqies minnu nnifsu bħala prova, sostnuta minn preżunzjoni konfutabbli, li l-Istat Membru ma jkunx issodisfa l-obbligu tiegħu ta' mezzi biex jiżgura tali protezzjoni.

65. F'kull każ jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu inkunsiderazzjoni iktar il-proporzjonalità tat-telf imġarrab.

66. F'kull analiżi xierqa tal-proporzjonalità, il-kuntest huwa, naturalment, ta' importanza kritika. Hawnhekk għandu jitfakkar li l-għoti ta' pensjonijiet tal-irtirar kien parti min-nisġa tal-kuntratt soċjali fl-Istati Ewropej sa minn żmien Bismarck. L-investiment f'pensjonijiet privati huwa għal xi impjegati parti ewlenija minn dak il-kuntratt soċjali, minħabba li huwa permezz ta' dak il-mekkaniżmu li dawk li jkunu impjegati matul is-snin attivi tagħhom ikunu jistgħu jfaddlu għall-irtirar għax ikunu jemmnu li b'hekk ikunu b'mod prudenti qegħdin jipprovdu għalihom innifishom u għall-familja tagħhom ladarba s-snin ta' xogħol tagħhom ikunu ntemmu. Li jittieħdu passi għal pensjoni privata huwa għalhekk għal ħafna impjegati fis-settur privat kritiku daqs deċiżjoni finanzjarja bħal pereżempju li tinxtara dar jew pjanijiet futuri għat-trobbija u għall-edukazzjoni tat-tfal.

67. Din hija r-raġuni għaliex anki t-telf parzjali ta' dak li wieħed ikun intitolat għalih bħala pensjoni minħabba l-insolvenza tal-persuna li timpjega huwa xi ħaġa tant gravi u serja għall-impjegat ikkonċernat. Mhux biss l-impjegat ikkonċernat iħoss li l-aħjar pjanijiet stabbiliti rigward tfaddil prudenti għall-irtirar ikunu sfaw fix-xejn minħabba fatturi esterni li huwa jew hija ma jkollhomx kontroll fuqhom, iżda l-ħila ta' impjegat li jirreaġixxi għal dak it-telf ta' spiss tkun serjament kompromessa minħabba x-xjuħija. Fi kliem sempliċi, għalhekk, il-kapaċità ta', ngħidu aħna, persuna ta' età medja ta' 70 sena biex tagħmel tajjeb għal dak it-telf finanzjarju tiddgħajjef ħafna, minħabba li, wara kollox, il-possibbiltà li wieħed jerġa' lura għal fuq il-post tax-xogħol sempliċement ma tkunx għażla għal kważi dawk kollha li jirtiraw.

68. Il-ħarsien tal-interessi ta' dawk irtirati li jkunu investew f'pensjonijiet privati għal telf minħabba l-insolvenza ta' min kien jimpjegahom qabel għandu, għalhekk ikun għan ewlieni tal-Istati Membri. Huwa bil-mod tiegħu stess vitali daqs li jkun hemm sistema ta' edukazzjoni jew akkomodazzjoni jew il-protezzjoni tas-sigurtà ta' depożiti bankarji.

69. F'dan il-kuntest, meta mistoqsija waqt is-seduta dwar jekk, pereżempju, tnaqqis ta' 25 % fid-drittijiet għall-pensjoni minħabba insolvenza ta' min jimpjega jirrappreżentax telf sproporzjonat għall-persuna rtirata kkonċernata, ir-rappreżentanti kemm tal-PSV kif ukoll tal-Gvern Ġermaniż liberament irrikonoxxew li dan ikun dannuż għall-persuna rtirata kkonċernata. Iżda ma nistax ma naħsibx li telf bħal dan huwa kemxejn iktar minn hekk: ikun jirrappreżenta telf mhux mistenni ta' dħul li huma kellhom kull raġuni sabiex jemmnu li kien ser ikun disponibbli għalihom meta l-ħajja tax-xogħol tagħhom tkun intemmet. L-Istat soċjali modern jeżisti preċiżament sabiex jipproteġi liċ-ċittadini tiegħu minn telf serju potenzjali ta' din ix-xorta.

70. Dan, għalhekk, huwa l-kuntest li fih għandha tiġi evalwata l-proporzjonalità ta' kull telf. Fatturi oħra huma bla dubju rilevanti wkoll, mhux l-inqas il-kwistjoni dwar jekk l-ammont tal-pensjoni issa disponibbli għall-persuna rtirata u għad-dipendenti tiegħu jew tagħha jkunx biżżejjed għall-ħtiġijiet tiegħu jew tagħha meta jitqiesu l-istandards ta' għajxien għal persuni rtirati prevalenti fl-Istat Membru

kkonċernat [17].

71. Ċertament, tnaqqis relattivament żgħir fi drittijiet għall-pensjoni jista' ġeneralment jitqies bħala jew *de minimis* jew, tal-inqas, f'livell li ma jdgħajjifx il-qofol ta' dak li wieħed ikun intitolat għalih f'pensjoni u l-aspettattiva korrispondenti li jkun ħoloq min-naħa tal-persuna rtirata kkonċernata.

72. Iżda meta t-telf ta' pensjoni privata minħabba l-insolvenza ta' min jimpjega ma jkunx jista' jitqies bħala *de minimis*, l-ispettru tal-isproporzjonalità f'xi waqt wara jidher, anki jekk ma jkunx hemm ukoll figura maġika li awtomatikament tirrendi tali telf sproporzjonat. Kuntrarjament għal dak kollu li l-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tat ħjiel tiegħu qabel, inqis li f'ħafna okkażjonijiet telf ta' inqas minn 50 % ta' dak li persuni jkunu intitolati għalih f'pensjoni minħabba insolvenza ta' min jimpjega ser ikun sproporzjonat. Id-drittijiet għall-pensjoni ta' kważi l-persuni rtirati kollha jkunu relattivament modesti, u anki tnaqqis żgħir f'dik il-pensjoni ġeneralment jolqothom iżżejjed wisq.

73. Għalkemm fl-aħħar mill-aħħar din hija kwistjoni għall-qorti tar-rinviju li taċċerta, ir-rappreżentant ta' G. Bauer sostna waqt is-seduta li t-telf mill-pensjoni okkupazzjonali tiegħu seta' finalment ikun bejn 30 % u 33 % (skont l-età tiegħu). Jekk dak kien tabilħaqq il-każ, allura meqjus il-livell relattivament modest ta' dħul li anki jikkorrispondi għal 100 % ta' dak li huwa kien intitolat għalih f'pensjoni okkupazzjonali sħiħa, tkun ħaġa tqila li wieħed jikkonkludi li t-telf inkwistjoni ma huwiex sproporzjonat fir-rigward tal-kuntest ġenerali li għadni kif iddeskrivejt.

74. Fil-qosor, għalhekk, inqis li dawn huma fatturi li għandhom effett fuq il-kwistjoni ta' proporzjonalità li, forsi, ma kienx hemm sal-lum enfasi biżżejjed dwarhom fil-ġurisprudenza.

75. Sa dan ir-rigward, għalhekk, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tgħaddi minn deċiżjonijiet bħas-sentenza tal-25 ta' Jannar 2007, Robins *et* (C-278/05, EU:C:2007:56), u tirrispondi għat-tieni domanda fis-sens li ċ-ċirkustanzi li għalihom għamlet riferiment il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 35 tas-sentenza tagħha tal-24 ta' Novembru 2016, Webb-Säman (C-454/15, EU:C:2016:891), huma dawk li fihom ir-rikorrent jipproduċi prova li l-Istat Membru ma jkunx issodisfa l-obbligu tiegħu li jiżgura li jkunu ttieħdu l-miżuri neċessarji biex jitħarsu l-interessi ta' impjegati jew ta' persuni li jkunu diġà telqu mill-impriża ta' min kien jimpjegahom, u fejn it-tnaqqis fid-drittijiet għall-pensjoni huwa f'livell li ma huwiex jew *de minimis* jew li xorta oħra kien idgħajjef il-qofol tad-drittijiet għall-pensjoni okkupazzjonali li, kieku ma kienx għall-insolvenza ta' min jimpjega, il-persuna rtirata kien ikollha kull raġuni tantiċipa li tirċievi.

Fuq it-tielet domanda

76. Permezz tat-tielet domanda tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, meta Stat Membru jkun naqas milli jittrasponi d-Direttiva 2008/94 b'mod korrett fid-dritt nazzjonali, jistax jew le jiġi invokat l-Artikolu 8 kontra dak l-Istat Membru quddiem qorti nazzjonali.

17 Huwa minnu li fis-sentenza tagħha tat-23 ta' April 2013, Hogan *et* (C-398/11, EU:C:2013:272, punt 33), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94 għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li sabiex jiġi stabbilit jekk Stat Membru implimentax l-obbligu previst f'dan l-artikolu, il-benefiċċji tal-pensjoni legali ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni. Madankollu, jiena naħseb li, meta l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet din l-osservazjoni, hija kienet qed taħseb għal-limitu ta' 50 %. L-ewwel nett, meta din is-sentenza kienet ingħatat, is-soluzzjoni adottata fis-sentenzi Webb-Sämann u Hampshire ma kinitx għadha ġiet applikata. It-tieni nett, mill-perspettiva loġika, ma jistax jiġi dedott mill-fatt li l-Artikolu 8 ta' din id-direttiva jkopri biss it-talbiet relatati mal-iskemi komplementari ta' previdenza professjonali jew interprofessjonali eżistenti barra mill-iskemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali li l-benefiċċji tal-pensjoni tal-Istat ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni dwar jekk Stat Membru ssodisfax l-obbligu stabbilit f'dak l-artikolu. Tassew, l-iskop ta' garanzija huwa differenti mill-ammont tal-kopertura tagħha. Fil-qasam tas-sigurtà soċjali, huwa komuni li l-ħlas ta' kumpens huwa deċiż b'kunsiderazzjoni ta' sitwazzjoni partikolari (diżabbiltà, diżabbiltà gravi, tfal li jsiru orfni) iżda l-ammont tiegħu jvarja skont fatturi esterni, bħad-dħul irċevut kollu. Min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Hogan *et* hija korretta jekk titqiegħed fil-pespettiva tar-regola ta' 50 %, sa fejn, b'definizzjoni, sabiex jiġi evalwat jekk it-tnaqqis li seħħ huwiex ogħla minn dan il-limitu, huma biss il-benefiċċji mħallsa fil-kuntest ta' skema komplementari ta' previdenza professjonali jew interprofessjonali li għandom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

77. F'dan ir-rigward, kif spjegajt qabel, il-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel qagħdet attenta, billi ddeċidiet li, minħabba li la l-Artikolu 8 tad-Direttiva u ebda dispożizzjoni oħra tagħha ma fihom xi ħaġa li tagħmel possibbli li jiġi stabbilit, bi preċiżjoni, il-livell minimu meħtieġ għall-protezzjoni tad-drittijiet għal benefiċċji, ir-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat tkun tiddependi mill-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' ksur manifest u gravi, minn dak l-Istat Membru, tal-limiti li kienu imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tiegħu [18].

78. Fis-sentenza tagħha Hampshire [19] il-Qorti tal-Ġustizzja abbandunat dak li qabel kienet qagħdet attenta minnu u ddeċidiet, fir-rigward tal-obbligu tal-Istati Membri li jiggarantixxu mill-inqas nofs il-benefiċċji tax-xjuħija li normalment l-impjegati jkunu intitolati għalihom, li l-Artikolu 8 seta' jiġi invokat kontra l-Istat Membru quddiem qorti nazzjonali malli impjegat iġarrab telf li jaqbeż 50 % tal-benefiċċji tiegħu.

79. Biex waslet għal din il-konklużjoni l-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont il-ġurisprudenza, individwi setgħu jibbażaw ruħhom fuq dispożizzjoni ta' direttiva kontra Stat Membru jekk dik id-dispożizzjoni tkun inkundizzjonata u ma tkunx biżżejjed preċiża, u li kien hemm tliet punti x'jitqiesu f'dik l-evalwazzjoni: l-identità tal-persuni li jkollhom dritt għall-protezzjoni prevista fl-Artikolu 8, il-kontenut ta' dik il-protezzjoni u l-identità tal-persuna responsabbli biex tipprovdi dik il-protezzjoni [20].

80. Jiena naqsam kompletament l-analiżi tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward, anki jekk il-motivazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-identità tal-persuna responsabbli biex tipprovdi l-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 8 wkoll jistħoqqilha titqiegħed f'kuntest.

81. Dwar l-identità tal-persuni bi dritt għall-protezzjoni prevista fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94, huwa ċar mill-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni li d-direttiva għandha l-għan li tipproteġi impjegati milquta bl-insolvenza ta' min jimpjegahom [21].

82. Dwar l-identità tal-persuna responsabbli biex tagħti l-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94, l-Artikolu 8 jindika b'mod ċar u inkundizzjonali, għal dan il-għan, l-Istati Membri.

83. Huwa minnu li l-Artikolu 8 jagħti lill-Istati Membri ċertu marġni ta' diskrezzjoni. Dan il-marġni huwa, essenzjalment, marbut mal-mezzi li għandhom ikunu adottati biex ikun żgurat li l-Artikolu 8 jiġi osservat [22]. Għalhekk huwa ma jittrattax l-identità tal-persuni responsabbli biex jipprovdu l-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 8, li huma l-Istati Membri.

84. Fl-aħħar nett, dwar il-kontenut tal-protezzjoni pprovduta skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94, minkejja l-fatt li l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni kunsiderevoli fid-determinazzjoni tal-forma u tal-metodu użati biex jittrasponu l-Artikolu 8 [23], dan l-artikolu jista' jiġi invokat direttament quddiem il-qrati nazzjonali. Tabilħaqq, anki meta l-Istati Membri jkollhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni, sabiex jimplimentaw dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, madankollu dik id-dispożizzjoni tista' tiġi invokata kontra Stat Membru jekk ikun qabeż din id-diskrezzjoni, b'mod partikolari minħabba li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu ma tiżgurax il-protezzjoni minima mitluba minn din id-dispożizzjoni [24].

18 Sentenza tal-25 ta' Jannar 2007, Robins *et* (C-278/05, EU:C:2007:56, punti 80 u 82).

19 Sentenza tal-6 ta' Settembru 2018, Hampshire (C-17/17, EU:C:2018:674, punt 56).

20 Sentenza tas-6 ta' Settembru 2018, Hampshire (C-17/17, EU:C:2018:674, punt 56).

21 Sentenza tas-6 ta' Settembru 2018, Hampshire (C 17/17, EU:C:2018:674, punt 57.

22 Ara, dwar dan, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2001, Gharehveran (C-441/99, EU:C:2001:551, punt 44).

23 Ara s-sentenzi tal-25 ta' Jannar 2007, Robins (C–278/05, EU:C:2007:56, punti 36 sa 45), u tal-25 ta' Lulju 2018, Guigo (C–338/17, EU:C:2018:605, punti 30 u 31).

24 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' April 2013, Hogan *et* (C-398/11, EU:C:2013:272, punt 46).

85. Isegwi li, minħabba li fir-rigward tal-protezzjoni minima meħtieġa mill-Artikolu 8, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din il-protezzjoni minima tikkonsisti fl-obbligu li jiġu protetti impjegati kontra kwalunkwe tnaqqis ta' iktar minn 50 % tad-drittijiet miksuba tagħhom, jekk Stat Membru ma jipprovdix tali protezzjoni, wieħed għandu bilfors jikkonkludi minn dan li l-Istat Membru jkun qabeż il-marġni ta' manuvra tiegħu. Konsegwentement, tali ksur jista' jiġi invokat direttament kontra dak l-Istat Membru.

86. Dwar l-obbligu msemmi għall-ewwel darba fil-punt 35 tas-sentenza Webb-Säman [25] għal Stati Membri li jiżguraw li l-miżuri neċessarji jittieħdu għal prevenzjoni ta' kwalunkwe telf sproporzjonat, effettivament il-Qorti tal-Ġustizzja ma indikatx is-sitwazzjoni li kienet qiegħda tirreferi għaliha. Madankollu, wieħed għandu jiftakar li obbligu jista' jitqies mhux biss bħala ċar u preċiż meta jkun previst b'mod espliċitu f'test, iżda wkoll meta huwa jista' jiġi dedott minn dak it-test permezz ta' metodi ta' interpretazzjoni komunement aċċettati, li, fil-fehma tiegħi, huwa l-każ hawnhekk, minħabba li wieħed jista' jiddeduċi mill-kliem tal-Artikolu 8 li dan tal-aħħar jipproteġi d-drittijiet tal-impjegati b'mod sħiħ.

87. Madankollu, minħabba li l-Istat Membru kkonċernat għandu biss obbligu ta' mezzi, applikanti jkun jeħtiġilhom juru li l-miżuri meħuda minn dak l-Istat Membru ma kinux suffiċjenti biex jiżguraw tali protezzjoni, bil-kundizzjoni li l-eżistenza ta' telf sproporzjonat ikollha titqies bħala prova li ssaħħaħ preżunzjoni ta' tali insuffiċjenza.

88. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 8 hija relatata mad-drittijiet li jagħtu titolu immedjat jew prospettiv, kunċett li d-definizzjoni tiegħu hija bbażata fuq id-dritt nazzjonali, u mhux skont l-effetti finanzjarji marbuta ma' dawk id-drittijiet. Tabilħaqq, jeżistu żewġ skemi komplementari ta' previdenza: "skemi ta' benefiċċji definiti" jew "skemi ta' kontribuzzjoni definita" [26]. Għalhekk, jekk, skont il-liġi nazzjonali, id-drittijiet miksuba minn persuna jkunu biss drittijiet għal sehem fi profitti u mhux, kif jidher li huwa l-każ skont il-liġi Ġermaniża, drittijiet għal benefiċċji ddefiniti, l-obbligu li għandu l-Istat Membru huwa li jiżgura li l-impjegat effettivament igawdi drittijiet għal dak is-sehem *b'mod sħiħ*, mingħajr preġudizzju għall-ammont li fl-aħħar mill-aħħar ikun ser jitħallas lill-impjegat.

89. Fil-qosor, nipproponi li nirrispondi fl-affermattiv għat-tielet domanda, jiġifieri li l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94 għandu effett dirett sabiex, jekk Stat Membru jkun naqas milli jittrasponi din id-direttiva fil-liġi nazzjonali jew ikun naqas milli jittrasponiha b'mod korrett, dik id-dispożizzjoni tagħti drittijiet lil individwu li jistgħu jiġu invokati kontra l-Istat Membru quddiem qorti nazzjonali.

Fuq ir-raba' domanda

90. Permezz tar-raba' domanda tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi meta, f'materji li jkollhom x'jaqsmu ma' pensjoni okkupazzjonali, l-Istat Membru jkun ħatar – b'mod vinkolanti għal min jimpjega – istituzzjoni rregolata mid-dritt privat bħala organu ta' garanzija kontra r-riskju ta' insolvenza għal pensjonijiet okkupazzjonali u meta din l-istituzzjoni tkun suġġetta għal sorveljanza Statali ta' servizzi finanzjarji u, barra minn hekk, tkun tiġbor mingħand min jimpjega, skont id-dritt pubbliku, kontribuzzjonijiet meħtieġa għal assigurazzjoni għal insolvenza mingħand min jimpjega kontra r-riskju ta' insolvenza u, bħala awtorità, tkun tista' tistabbilixxi kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni permezz ta' att amministrattiv, jekk tali istituzzjoni għandhiex titqies bħala organu pubbliku ta' dak l-Istat Membru, sabiex dispożizzjoni ta' direttiva tkun tista' tiġi direttament invokata kontrih.

25 Sentenza tal-24 ta' Novembru 2016 (C-454/15, EU:C:2016:891).

26 Kif jimplika isimhom, pjan ta' pensjoni ta' benefiċċji ddefiniti, il-persuna kkonċernata tirċievi pensjoni fissa – li tista' teħtieġ li l-persuna li timpjega terġa' żżid fil-pjan f'sitwazzjoni ta' eżekuzzjoni mhux sodisfaċenti tal-investimenti magħmula – filwaqt li l-pagament irċevut fi pjan ta' kontribuzzjoni ddefinit jiddependi mill-eżekuzzjoni tal-investimenti magħmula b'kontribuzzjoni fissa mħallsa mill-persuna li timpjega.

91. Dwar dan wieħed għandu jiftakar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li kull dispożizzjoni ta' direttiva li tkun inkundizzjonali u suffiċjentement preċiża tista' tiġi invokata minn individwi, mhux biss kontra Stat Membru u l-korpi kollha tal-amministrazzjoni tiegħu, bħal awtoritajiet deċentralizzati, iżda wkoll kontra istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet u organi li jkunu suġġetti għall-awtorità jew għall-kontroll tal-Istat jew li jkollhom setgħat speċjali lil hinn minn dawk li jirriżultaw mir-regoli normali applikabbli għal relazzjonijiet bejn individwi [27].

92. Tali istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet jew organi huma distinti minn individwi u għandhom jitqiesu bħala paragunabbli mal-Istat Membru, jew għaliex ikunu persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku li jagħmlu parti mill-Istat f'sens wiesa', jew għaliex ikunu ġew mitluba minn organu pubbliku biex iwettqu kompitu fl-interess pubbliku u jkunu ngħataw, għal dak l-għan, tali setgħat speċjali [28].

93. Minħabba li fid-domanda tagħha l-qorti tar-rinviju tirreferi għal każ fejn Stat Membru kien ħatar – b'mod vinkolanti għal min jimpjega – bħala organu ta' garanzija kontra r-riskju ta' insolvenza għal pensjonijiet okkupazzjonali, ċerta istituzzjoni u kien ta lil din tal-aħħar dritt li tiġbor il-kontribuzzjonijiet meħtieġa għal assigurazzjoni għal insolvenza mingħand min jimpjega skont id-dritt pubbliku, tali istituzzjoni għandha titqies bħala paragunabbli ma' dan l-Istat anki jekk tkun organizzata taħt id-dritt privat.

94. Madankollu, biex obbligu li jirriżulta minn direttiva jkun direttament eżegwibbli kontra dik l-istituzzjoni, il-kompiti li din tkun intalbet tagħmel fl-interess pubbliku għandhom jinkludu, b'mod espliċitu jew impliċitu, l-implimentazzjoni ta' dak l-obbligu. Tabilħaqq, il-fatt biss li istituzzjoni tingħata setgħat speċjali minn Stat Membru ma jfissirx li dik l-istituzzjoni tkun tista' tinżamm responsabbli għal kull obbligu impost fuq dak l-Istat Membru mid-dritt tal-Unjoni.

95. Fid-domanda tagħha l-qorti tar-rinviju tirreferi għal sitwazzjoni li fiha Stat Membru jkun ħatar istituzzjoni biex tkun responsabbli tiggarantixxi l-pensjonijiet okkupazzjonali. Madankollu, il-proċess tal-kawża b'rabta mal-informazzjoni pprovduta waqt is-seduta jidher li juri li x-xogħlijiet mgħoddija mill-Gvern Ġermaniż lil Pensions-Sicherungs-Verein VVaG jikkonċernaw biss is-sitwazzjonijiet fejn il-pensjoni okkupazzjonali tax-xjuħija tkun implimentata minn min jimpjega permezz ta' wegħda diretta jew ta' "Direktversicherung" (assigurazzjoni diretta) jew permezz ta' "Unterstützungskasse" (istituzzjoni ta' assigurazzjoni li tkun legalment indipendenti minn min jimpjega) jew "Pensionsfonds" (fond ta' pensjoni) [29]. Għalhekk, il-każ fejn il-pensjoni okkupazzjonali tax-xjuħija tkun implimentata minn min jimpjega permezz ta' Pensionskasse (fond tal-pensjoni), hawnhekk il-PKDW, ma huwa kopert minn ebda waħda minn dawn il-missjonijiet.

96. F'kull każ huwa għall-qorti nazzjonali li tevalwa, minħabba n-natura speċifika tal-obbligu invokat – jiġifieri l-ksur tal-obbligu li jkun evitat kwalunkwe telf sproporzjonat imsemmi fil-punt 35 tas-sentenza fil-Kawża Webb-Säman [30] – jekk dan l-obbligu speċifiku kienx ġie ddelegat jew le minn dak l-Istat lil dik l-entità [31].

97. Għaldaqstant nipproponi li r-raba' domanda tiġi risposta li, meta, f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' dispożizzjoni dwar pensjoni okkupazzjonali, l-Istat Membru jkun ħatar – b'mod vinkolanti għal min jimpjega – istituzzjoni organizzata taħt id-dritt privat bħala organu ta' garanzija kontra r-riskju ta' insolvenza għal pensjonijiet okkupazzjonali, u meta din l-istituzzjoni tkun suġġetta għal sorveljanza

27 Ara s-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2017, Farrell (C–413/15, EU:C:2017:745, punt 33).

28 Ara s-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2017, Farrell (C–413/15, EU:C:2017:745, punt 34).

29 Ara l-paragrafu 7(1) tal-Liġi dwar il-Pensjonijiet.

30 Sentenza tal-24 ta' Novembru 2016 (C-454/15, EU:C:2016:891).

31 Fis-sentenzi tagħha tas-16 ta' Diċembru 1993, Wagner Miret (C-334/92, EU:C:1993:945, punt 18), u tat-18 ta' Ottubru 2001, Gharehveran (C-441/99, EU:C:2001:551, punt 38), il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddeċidiet li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 80/987 (l-attwali Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/94) jipprevedi li d-Direttiva dwar l-insolvenza tal-persuni li jimpjegaw ma tobbligax lill-Istati Membri li joħolqu istituzzjoni tal-garanzija waħda għall-kategoriji kollha ta' ħaddiema u, konsegwentement, li l-persunal tat-tmexxija jingħata kompetenza ta' intervent tal-istituzzjoni ta' garanzija stabbilita għall-kategoriji oħra ta' ħaddiema impjegati.

Statali ta' servizzi finanzjarji u, barra minn hekk, tiġbor mingħand min jimpjega, skont id-dritt pubbliku, kontribuzzjonijiet meħtieġa għal assigurazzjoni għal insolvenza kontra r-riskju ta' insolvenza u, bħala awtorità, tkun tista' tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal eżekuzzjoni permezz ta' att amministrattiv, tali istituzzjoni għandha titqies bħala organu pubbliku ta' dak l-Istat Membru. Madankollu, in-nuqqas ta' konformità mal-obbligu previst fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94 jista' jiġi invokat kontra dik l-istituzzjoni biss jekk l-implimentazzjoni ta' dak l-obbligu tkun taqa' fil-parametru ta' kompiti ddelegati lilha minn dak l-Istat, li huwa għall-qorti nazzjonali li tistabbilixxi.

Konklużjoni

98. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja) kif ġej:

1) L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri t-telf ta' ħlas, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, magħmul minn min kien jimpjega qabel biex ipaċi, kif mitlub mid-dritt nazzjonali, tnaqqis fil-pensjoni okkupazzjonali.

2) Iċ-ċirkustanzi li għalihom għamlet riferiment il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 35 tas-sentenza tagħha tal-24 ta' Novembru 2016, Webb-Säman (C-454/15, EU:C:2016:891), huma dawk li fihom ir-rikorrent jipproduċi prova li l-Istat Membru ma jkunx issodisfa l-obbligu tiegħu li jiżgura li jkunu ttieħdu l-miżuri neċessarji biex jitħarsu l-interessi ta' impjegati jew ta' persuni li jkunu diġà telqu mill-impriża ta' min kien jimpjegahom, u fejn it-tnaqqis fid-drittijiet għall-pensjoni huwa f'livell li ma huwiex jew *de minimis* jew li xorta oħra kien idgħajjef il-qofol tad-drittijiet għall-pensjoni okkupazzjonali li, kieku ma kienx għall-insolvenza ta' min jimpjega, il-persuna rtirata kien ikollha kull raġuni tantiċipa li tirċievi.

3) L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94 għandu effett dirett sabiex, jekk Stat Membru jkun naqas milli jittrasponi din id-direttiva fil-liġi nazzjonali jew ikun naqas milli jittrasponiha b'mod korrett, dik id-dispożizzjoni tagħti drittijiet lil individwu li jistgħu jiġu invokati kontra l-Istat Membru quddiem qorti nazzjonali.

4) Meta, f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' dispożizzjoni dwar pensjoni okkupazzjonali, l-Istat Membru jkun ħatar – b'mod vinkolanti għal min jimpjega – istituzzjoni organizzata taħt id-dritt privat bħala organu ta' garanzija kontra r-riskju ta' insolvenza għal pensjonijiet okkupazzjonali, u meta din l-istituzzjoni tkun suġġetta għal sorveljanza Statali ta' servizzi finanzjarji u, barra minn hekk, tiġbor mingħand min jimpjega, skont id-dritt pubbliku, kontribuzzjonijiet meħtieġa għal assigurazzjoni għal insolvenza kontra r-riskju ta' insolvenza u, bħala awtorità, tkun tista' tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal eżekuzzjoni permezz ta' att amministrattiv, tali istituzzjoni għandha titqies bħala organu pubbliku ta' dak l-Istat Membru. Madankollu, in-nuqqas ta' konformità mal-obbligu previst fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94 jista' jiġi invokat kontra dik l-istituzzjoni biss jekk l-implimentazzjoni ta' dak l-obbligu tkun taqa' fil-parametru ta' kompiti ddelegati lilha minn dak l-Istat, li huwa għall-qorti nazzjonali li tistabbilixxi.